MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 421/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Buttigieg)**
**Vs**
**Paul Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Marzu, 2002, ghall-habta ta' 19.32 hrs., fi Triq tal-Barrani, Zejtun, saq vettura numru B-2638 ta' ghamla Audi 1. minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
2. saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
3. saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;
4. saq l-imsemmija vettura minghajr dawl jew b'dawl mhux skond ir- regolamenti tat-traffiku;

5. kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'numru ta' l-identita' (KAO-697 ta' vettura ta' ghamla Toyota), liema numru mhux dak li kien moghti w mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ghal dik il-vettura li kien qed isuq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-atti kollha w semghet ix-xhieda, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu jhallas multa ta' €630 u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament tirriformaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha meta giet biex tiddeciedi l-kaz ta' l-appellant il-Qorti skartat il-fatti speci specjali ta' dan il-kaz;
Illi l-Qorti naqset milli tikkonsidra l-fattur ta' trapass ta' zmien meta giet biex timponi l-piena w ddecidiet illi tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ghal sitt (6) xhur.

Ikompli jelabora fir-rikors tieghu li hu ma kienx jaf illi l-vettura ma kienetx koperta bl-licenzja w b' polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi w li kellha *number plates* li ma kienux taghha. Kien sid il-vettura li tah il-"*plates*" ghal *"trial run"* sabiex jippruvaha w dan kien

zgwida lill-appellant ghar-rigward tal-uzu ta' *"trial run plates".* Hu minnu li kien qed isuq bla dawl u minghajr *seat belt* u kieku kien jaf li l-karozza ma kienetx licenzjata ghat-triq w assikurata, ma kienx jigbed l-attenzjoni tal-pulizija jew jirriskja li jitwaqqaf kif gara. Inoltre dwar il-piena t-trapass taz-zmien f' dan il-kaz kellu jservi ta' attenwant.

Rat il-verbal li bih l-appellant irrinunzja ghall-aggravji fil-mertu w illimita l-appell ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzji.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenzi tas-7 ta' Jannar u tat-23 ta' Frar, 2010, peress li xhud tal-Prosekuzzjoni Ex-PC 1087 Colin Spiteri seta' jixhed biss f' din l-ahhar udjenza.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Dan hu appell minn sentenza f' kawza sommarja li inspjegabbilment hadet tmin (8) snin biex inqatghet mill-Ewwel Qorti. L-appell quddiem din il-Qorti gie ntavolat biss fit-18 ta' Novembru, 2009.

Illi l-provi mismugha mill-gdid jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**BRIAN FARRUGIA** , in rapprezentanza tal-Malta Land Transport Directorate, xehed li l-vettura B 2638 Audi 200, kellha l-licenzja taghha mhallsa fl-4 t' Ottubru, 2002. Igifieri fid-data tal-incident ma kienetx imhallsa. Fit-23 ta' Marzu, 2002, il-vettura B2638 kienet licenzjata f' isem Anthony Scicluna.

Kompla jghid li l-vettura Toyota (1970) 1000, numru KAO 697 kienet giet *scrapped* fid-29 ta' Mejju, 2002, wara li dak in-nhar kienu thallsu il-*licence fees* b' lura, li kienu skadew f' Novembru, 2001.

**DAVID DEBONO**, li xehed bhala Claims Manager ta' Montalto Insurance, qal li l-karozza B 2638 kienet inxurjata maghhom mit-30 ta' Dicembru, 1996 sat-28 ta' Frar, 1997, f' isem certu Charles Galea, karta tal-identita' numru 686043 (M) u kienet tkopri *drivers* li jkollhom il fuq minn hamsa w ghoxrin (25) sena. Ipprezenta dokument in sostenn ta' dan. Wara l-ahhar data ma ghandhom ebda record taghha aktar. Huma ma jkollhomx taghrif jekk il-car wara tkunx giet assikurata ma xi kumpanija ohra, hlief jekk il-persuna assikurata tkun applikat biex tibbenefika minn xi *"no claim bonus"* mal-kumpanija l-ohra .

**EX-PC 1087 COLIN SPITERI** xehed li kien sab lill-appellant isuq bla seat belt, bla dawl u li l-car ma kellhiex licenzja w insurance.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna kienu s-segwenti. Fid-data in kwistjoni, l-appellant kien qed isuq l-car Audi bla dawl u bla *seat belt* f' Hal Tarxien meta gie mwaqqaf mill-Pulizija. Irrizulta mix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti li li kien qed isuq dil-car bi prova ghax kien ghadu kif raha mmarkata *"for sale"* u, peress li kien ha interess fiha , hadha biex isuqha bi prova. Il-car pero' ma kienetx licenzjata ghat-triq u ma kienetx *insured* kontra r-riskji ta' terzi persuni.

"Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-

*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din il-Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

**"Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-**

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

Kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell , p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: **Philcox vs. Carberry** {1960} Crim. L.R. 563 , D.C."*

**Illi umbaghad hemm l-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-**

*"jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b' reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."*

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Charles Galea"** [7.5.2007] din il-Qorti kienet irrikonciljat id-dispozizzjoni tal-artikolu 3 (1) mal-artikolu 10 tal-Kap.104 billi ghamlet distinzjoni bejn kazijiet fejn ikun irrizulta li l-vettura kienet licenzjata ghat-triq u fejn ma tkunx. Hemm gie ritenut li:-

***"Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet***

***jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).***

***Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."***

**Issa f' dan il-kaz l-appellant mhux qed jikkontendi li l-vettura kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi izda li hu ma kienx jaf li ma kienetx ghax kien gie ingannat mid-dealer li tahielhu biex jippruvha.**

L-artikolu 3 (1B) tal-Kap.104 jipprovdi li :-

*"Tista' tinghata eccezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taht is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, mill-akkuzat jekk igib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix ir-reat isir."*

Illi pero', fix-xhieda traskritta tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma ta assolutament ebda spjegazzjoni ta' kif gie biex kien qed isuq dik il-vettura bla licenzja tat-triq, bla polza tas-sigurta' u bi pjanci mhux taghha. Kull ma qal kien testwalment dan:-

*"Kont ghaddej minn Hal Tarxien u kien hemm Audi "for sale" , ghall-biegh u waqaft naraha u ghogbitni u mort nippruvaha. Taghni trial run, ghamilhieli fuq id-dashboard*

*u jiena w ndur mal-block fejn il-lights ta' Hal Tarxien, waqqafni tat-traffic ghax kont minghajr safety belt….u daqshekk u harrikni b' dik it-tahrijka kollha l-Qorti."*

U l-Avukat tieghu intervjena u qal *"Daqshekk."*

Issa anki jekk, ghall-grazzja tal-argument, veru l-appellant ma kienx jaf li l-vettura ma kienetx koperta b' polza tas-sigurta', pero' ma jirrizultax li hu ghamel il-prova li kien ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix ir-reat isir. Kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, l-appellant kien diga' nstab hati diversi drabi li espona ghall-biegh karozzi fit-triq minghajr id-debita licenzja jew awtorizazzjoni w ghalhekk hu suppost kien midhla sew tal-proceduri mehtiega biex karozzi ghall-biegh jinsaqu fit-toroq. Ghalhekk ma tistax tinghata b' success din l-eccezzjoni f' dan il-kaz.

Konsegwentement l-aggravji fuq is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel, it-tieni w l-hames imputazzjoni qed jigu respinti.

Dwar it-tielet u r-raba' imputazzjoni l-appellant mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, ghalkemm din il-Qorti ma tistax ma tosservax li kien hemm dewmien esagerat biex dan il-kaz sommarju jigi deciz, ma jidhirx li f' dan il-kaz l-argument tat-trapass taz-zmien ghandu wisq rilevanza trattandosi ta' offizi ta' natura teknika w mhux ta' reati li minn-natura taghhom huma kriminali. Mill-ezami tal-verbali tal-udjenzi quddiem l-Ewwel Qorti jidher li kien hemm mill-inqas sitt (6) differimenti fejn l-appellant ma deherx u kull darba jintilfu xhur shah. F' kull kaz, l-Ewwel Qorti diga' erogat piena taht il-minimum ghar-reat taht l-ewwel imputazzjoni, fejn suppost il-piena minima skond l-artikolu 3 (2) (a) tal-Kap. 104, kienet ta' mhux anqas minn multa ta' Ewro 2,329.37c meta dan ikun l-ewwel reat. F' dan il-kaz kienet it-tieni darba li l-appellant kien qed jinstab hati w l-multa kellha tkun aktar. Imbaghad skond l-artikolu 3 (2A), il-hati ghandu jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax il-xahar mid-data li jkun gie misjub hati. Fil-fatt l-Ewwel Qorti

erogat multa biss ta’ Ewro 630 u skwalifikat lill-appellant mill-licenzji tas-sewqan biss ghal sitt xhur, cioe’ nofs il-periodu mandatorju ta’ sena.

Barra minn hekk l-appellant diga’ nstab hati ta’ diversi reati amministrattivi mill-Qrati w ta’ ksur tal-buon ordni w, kif gja ntqal, darba minnhom sahansitra nstab hati li saq karozza bla licenzja w meta ma kienx kopert b’ polza ta’ s-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi persuni.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm lok ghall-ebda temperament ulterjuri fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b’ dan li l-periodu tal-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan jibda ghaddej minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------